**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 36/13

**Minuti tal-36 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-5:00 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dr Samuel Azzopardi (President), il-Viċi President, Joseph Sultana, u l-membri Mario Azzopardi, Paul Azzopardi, Salvu Borg, Francis Cauchi, Nicky Saliba, Anthony Formosa u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

1. **<u>Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti</u>**

1.1 Ntqalet t-talba u nqraw il-minuti tal-35 laqgħa. Il-minuti ġew approvati unanimament.

2. **<u>Korrispondenza</u>**

2.1 Memo 25/2013 dwar skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014. Is-segretarju informa r-Reġjun qed jikkordina din l-applikazzjoni għall-Kunsilli Lokali Għawdxin. Rigward l-applikazzjoni ta' Jum Għawdex, il-President ippropona illi l-quddiesa ssir nhar il-Ħadd 26 t'Ottubru u wara jkun hemm kunċert bil-banda ġewwa Pjazza Indipendenza. Nhar it-Tlieta 28 t'Ottubru jkun hemm ftuħ ta' Wirja ġewwa l-arkivji t'Għawdex. Dan il-programm jiddependi mill-allokazzjoni mogħtija mid-Dipartiment. Kulħadd qabel ma dan il-programm.

2.2 B'risposta għall-ittra miktuba lil Transport Malta rigward l-applikazzjoni sabiex jeħlu żewġ *speed cameras* f'Għawdex, Transport Malta infurmaw illi qed issir analiżi sabiex tittieħed l-aħjar deċiżjoni dwar din it-talba.

2.3 Mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) dwar il-ftuħ uffiċjali tal-uffiċini tal-AKL nhar 22 ta' Novembru 2013.

**<u>3. Approvazzjoni ta' Pagamenti</u>**

3.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 25 illi tammonta għal €49,063.39 ġiet approvata.

**<u>4. Rapport dwar il-laqgħa ma rappreżentanti tal-Guard and Warden House Services Ltd.</u>**

4.1 Is-Segretarju nforma illi nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru saret laqgħat ma rappreżentanti tal-*Guard and Warden Services Ltd*. Il-membri tal-Kumitat Reġjonali kollha kienu mistiedna jattendu. Minn naħa tal-Kumitat Reġjonali attendew il-President, Segretarju kif ukoll il-membri Saviour Borg u Frans Cauchi. Attendew ukoll l-*Authorised officers* David Soler u Tony Borg Caruana. Għan-naħa tal-Guard and Warden Services Ltd attendew is-Sur Kenneth De Martino u Miriam Barbara. Is-segretarju ta rendikont fil-qosor ta' dak illi ntqal waqt il-laqgħa u stqarr illi l-laqgħa iffukat fuq l-akbar problema illi qed jiffaċċja r-Reġjun sabiex jiffunzjona, dik illi ma jistax ilaħħaq mal-ispejjeż tas-sistema. Huwa stqarr illi din il-problema tqajmet ukoll waqt il-laqgħa li saret mas-Segretarju Parlamentari Josè Herrera f'Ottubru 2013. Dakinhar id-direzzjoni minn naħa tas-Segretarjat Parlamentari kienet illi għandna nistennew il-pubblikazzjoni tal-'*white paper'* fuq ir-riforma tal-infurzar lokali. Is-segretarju stqarr illi r-Reġjun għandu żewġ għażliet quddiemu jew jipproċedi bil-kuntratt b'mod illi huwa vijabbli jew iwaqqaf ir-

responsabbiltà tal-infurzar lokali. Is-segretarju stqarr illi ma jistax ikun li l-affarijiet jibqgħu sejrin kif inhuma. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż illi għandna naraw l-andament fix-xahar li ġej sabiex fuq ir-riżultati tittieħed deċiżjoni.

4.2 Tressqu żewġ ilmenti u tibdil illi jeħtieġ isir skont il-kuntratt iffirmat mal-*Guard and Warden Services House Ltd.* Ntalab rotazzjoni tal-wardens tar-rotta. Is-segretarju nforma illi jekk hemm qbil din ser tapplika fuq Gwardjan wieħed mill-ewwel Ġimgħa ta' Diċembru. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

4.3 Is-segretarju nforma illi bejn l-1 u l-15 ta' Novembru 2013 ic-CCTV ta' Pjazza San Franġisk ħarġet biss ħames ċitazzjonijiet. Ġie suġġerit illi għal dan il-perjodu msemmi titħallas biss l-*installation fee* ta € 3.00 (excluding VAT). Kulħadd qabel ma din il-proposta.

4.4 Paul Azzopardi (membru) qal illi l-infurzar ġewwa Għawdex huwa wisq iffukat fuq it-trasport u l-vetturi. Hu qal illi hemm bżonn ta' aktar sorveljanza fuq dak illi għandu x'jaqsam ma ħarsien t'ambjent. Is-segretarju waqt illi stqarr li jaqbel ma dak ntqal, spjega x'inhuma d-diffikultajiet fosthom finanzjarji sabiex jiġi attwat infurzar dwar l-ambjent. Wara diskussjoni qasira ġie maqbul illi ser tinġabar informazzjoni mingħand kull kunsill fuq problemi ta' skart, ħmieġ tal-annimali etc. sabiex ikun hemm prova ta' infurzar f'dan il-qasam.

**5. Dettalji dwar Seminar organizzat fl-okażżjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali**.

5.1 Is-seminar ser isir nhar l-4 ta' Diċembru 2013. Is-segretarju stqarr illi bi qbil mas-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, l-ispejjeż konnessi mas-seminar ser jiħu koperti mis-Segretarjat Parlamentari, waqt illi l-kunsilli lokali ser iħallsu għall-ispejjeż tal-ikel skont kemm il-persuna tattendi.

5.2 Ġew preżentati żewġ offerti mingħand Kempinski San Lawrenz u Grand Hotel. Intgħażlet l-aktar offerta vantaġġjuża. Kull Kunsill irid iħallas €25.75 għal kull persuna li tipparteċipa fis-seminar. Ġew mistiedna is-Sindku, Kunsilliera, membri tal-Kumitati Amministrattivi, Segretajri kif ukoll l-Ambaxxaturi Vote 16.

**6. *Policies* Reġjonali**

6.1 Bi qbil unanimu din il-materja ġiet posposta għal laqgħa oħra.

**7. Materji oħra**

7.1 Diversi membri lmentaw illi m'għandhomx fondi biżżejjed sabiex jitlaqqam is-siġar tal-palm skont il-proċedura maħruġa mill-Direttorat tal-*Plant Health.* Is-segretarju qal illi ser jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'din il-problema.

7.2 Peress illi ma kienx hemm aktar punti x'jiġu diskussi il-laqgħa spiċċat fis-6:30 pm

_______________ _______________

Dr Samuel Azzopardi<br>President

Ian Paul Bajada<br>Segretarju Eżekuttiv